A.L. 105 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Iġjene ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Iġjene ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Iġjene ta' l-Ikel, hawn iktar il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 264 ta' l-2002.

2. Dan li ġej għandu jiżdied mar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali minnufih wara t-tifsira 'ikel':- Jemenda regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

" "ikel utieq" tfisser ikel tajjeb għall-konsum uman safejn għandha x'taqsam l-iġjene;".

3. Minflok regolament 4(3) tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:- Jemenda regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

"(3) "Jekk, fl-opinjoni ta' l-awtorità tas-saħħa, nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-regolamenti jista' jwassal għal riskji għas-sigurtà jew tjubija wtieqa ta' oġġetti ta' l-ikel, hi għandha tieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex timpedixxi jew tnaqqas kemm jista' jkun dawk ir-riskji, inkluż l-irtirar ta' l-ikel jew l-għeluq għalkollox jew ta' parti minn negozju ta' l-ikel għal dak il-perjodu li jista' jkun meħtieġ biex tkun żgurata konformità mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.".

4. (1). Minflok regolament 6(2) tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:- Jemenda regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

"(2) "Il-proprjetarju għandu wkoll jadotta dawk il-metodi adatti u meħtieġa li jistgħu jiżguraw is-sigurtà ta' l-ikel. Għal dak l-iskop, konformità ma' kull gwida -

(i) pubblikata mill-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel skond il-paragrafu (i) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att, jew

(ii) approvata u rikonoxxuta mill-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel, għandha titqies, safejn hu provdut fil-gwida, li tikkostitwixxi metodi ta' xogħol adatti u meħtieġa."

(2) Minnufih wara r-regolament 6(2) tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn is-subregolamenti ġodda li ġejjin :-

"(3) Meta l-gwidi msemmija fir-regolament 6(2)(ii) ikunu żviluppati, dawn għandhom ikunu żviluppati kif ġej:

(a) minn setturi tan-negozju ta' l-ikel u rappreżentanti ta' partijiet interessati oħra, bħalma huma awtoritajiet u gruppi ta' konsumaturi adatti,

(b) b'konsultazzjoni ma' interessi li jintlaqtu b'mod sostanzjali, inkluża l-Kummissjoni għas-Sigurtà ta' l-Ikel,

(c) fejn ikun adatt, billi jingħata każ tal-Kodiċi ta' Prattika Internazzjonali Rakkomandat, Prinċipji ġenerali ta' Iġjene ta' l-Ikel tal-*Codex Alimentarius*.

6 (4) Il-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel, qabel ma tapprova u tirrikonoxxi xi gwida msemmija fir-regolament 6(2)(ii), għandha tevalwa dik il-gwida bl-iskop li tiddeċiedi safejn tista' tkun preżunta li tkun qed tikkonforma mar-regolament 7.".

Jemenda Part II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok il-paragrafu 4 ta' Parti II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"4. Twieqi u ftuħ ieħor għandhom ikunu mibnija b'mod li jimpedixxi l-akkumulazzjoni tal-ħmieġ. Dawk li jistgħu jinfetħu għal fuq ambjent fuq barra għandhom ikunu mgħammra bi skrinijiet li jilqgħu għall-insetti u li jistgħu jinqalgħu malajr biex jitnaddfu; meta twieqi miftuħin jistgħu jikkaġunaw kontaminazzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel, it-twieqi għandhom jibqgħu magħluqin u f'posthom waqt il-produzzjoni:

Iżda l-awtorità tas-saħħa tista' tawtorizza l-użu ta' mekkaniżmi oħra għall-kontroll ta' l-insetti flok il-ħtieġa ta' skrin li jilqa' għall-insetti.".

6. Minflok is-sub-paragrafu (ċ) tal-paragrafu 2 tal-Parti V ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:- Jemenda Part V ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"(ċ) bl-eċċezzjoni ta' kontenituri u ppakkjar li ma jitreġġgħux lura, ikun mibni b'mod, ikunu ta' materjal tali u jinżamm fi stat daqstant tajjeb, u fi stat ta' tiswija u kondizzjoni li jippermettu li jinżammu għalkollox nodfa u, meta jkun hekk meħtieġ, jiġu diżinfettati, biżżejjed għall-iskopijiet maħsuba;".

7. Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied mal-Parti IX ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali:- Jemenda Part IX ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali

"Ittikkettjar adegwat

8. Sustanzi perikoluż uċjew li ma jistgħux jittieklu, inkluż ikel għall-annimali, għandhom ikunu ttikkettati adegwatament u maħżunin f'kontenituri separati u siguri.".

8. Dan li ġej għandu jiżdied minnufih wara Parti IX bħala Parti X ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali:- żieda ta' Taqsima ġdida ma' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali

"PARTI X

Taħriġ

Operaturi ta' negozji ta' l-ikel għandhom jiżguraw li dawk li jmissu l-ikel ikollhom superviżjoni u jkunu mgħallma uċjew imħarrġa f'dak li għandu x'jaqsam ma' iġjene ta' l-ikel skond li jkunu jagħmlu fuq ix-xogħol.".